MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 353/2011

**1) Bernardette GATT [K.I. 716959(M)];**
**2) Christine SCERRI [K.I. 441656(M)]; u**

***kontra***

**1) Alessandro sive Sandro Cassano**
**[K.I. 9667(M)]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat **bil-procediment sommarju specjali** li kienipprezentat fil-11 ta` April 2011 u li jaqra hekk –

*DIKJARAZZJONI*

*1. Illi nhar it-12 ta` Settembru 2004 miet missier il-kontendenti Alfred Cassano u dana kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt Dok. A ;*

*2. Illi mir-ricerki testamentarji (Dok. B u C) jirrizulta illi l-ahhar testment ta` l-imsemmi Alfred Cassano huwa dak tas-26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (Dok. D) ;*

*3. Illi ai termini tat-Tieni Artikolu ta` l-imsemmi testment, il-konvenut ghandu fi zmien hames (5) snin mid-data tal-mewt ta` l-imsemmi testatur ihallas lil kull wahda mill-atturi s-somma ta` sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) – li llum huma ekwivalenti ghal disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) – ghal darba wahda biss, liema somma thalliet b`titolu ta` prelegat in piena proprjeta` lil kull wahda mill-atturi ahwa Cassano ;*

*4. Illi ghalhekk il-konvenut kellu jhallas lil kull wahda mill-atturi l-imsemmija somma ta` disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) sa mhux aktar tard mit-12 ta` Settembru 2009 ;*

*5. Illi ghalkemm ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-mewt ta` Alfred Cassano, il-konvenut baqa` ma hallasx l-imsemmi ammont u dana minkejja li gie nterpellat anki permezz ta` ittra ufficjali (Dok. E) ;*

*6. Illi fil-fehma tal-esponenti l-konvenut ma jista` jkollu l-ebda difiza kontra dan il-kreditu taghhom.*

<u>*RAGUNI TAT-TALBA*</u>

*Illi missier il-kontendenti, Alfred Cassano miet fit-12 ta` Settembru 2004 ;*

*Illi ai termini tat-Tielet Artikolu ta` l-ahhar testment tieghu (Dok. D) il-konvenut kellu jhallas lill-hutu l-atturi odjerni, is-somma ta` disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) lil kull wahda minnhom u dana fi zmien hames (5) snin mid-data tal-mewt tat-testatur missierhom ;*

*Illi minkejja li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-mewt ta` l-imsemmi Alfred Cassano, il-konvenut baqa` ma onorax dan l-obbligu tieghu u ma hallasx l-imsemmi ammont lill-atturi hutu u dana nonostante li l-istess konvenut accetta l-wirt ta` missieru ;*

*Illi dan il-kreditu ta` l-atturi huwa cert, likwidu u dovut u dana kif jirrizulta mill-anness affidavit Dok. F ;*

*Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas l-imsemmija somma u jadempi l-obbligi testamentarji tieghu, huwa baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

<u>*TALBIET*</u>

*Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa Dok. F ;*

*2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta` disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) lill-attrici Bernardette Gatt dovuta kif fuq intqal ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta` disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) lill-attrici Christine Scerri dovuta kif fuq intqal.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` din il-kawza, ta` dawk ta` l-ittra ufficjali datata 13 ta` Settembru 2010, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta` l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi in segwitu ghan-notifika tieghu bil-atti promotorji skond l-Art.187(3) tal-Kap.12, il-konvenut ipprezenta nota u dokument fis-27 ta` Mejju 2011 a tenur ta` l-Art.170(1) tal-Kap.12.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2011 fejn, wara li kienet tal-fehma illi l-konvenut kellu eccezzjonijiet validi x`jaghti ghat-talbiet attrici, din il-Qorti tat lill-konvenut zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezenta risposta mahlufa.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li kienet prezentata fl-10 ta` Gunju 2011 u li taqra hekk –

*1. ILLI preliminarjament, l-esponenti jirrileva lill-Qorti illi tezisti kawza ohra, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, Rikors Guramentat 71/08AF fl-ismijiet "Bernardette mart Vincent Gatt minnu legalment separata, u Christine mart Albert Scerri vs Alessandro sive Sandro Cassano u ghal kull interess li jista` jkollu Martin Cassano." L-atturi f`din il-kawza talbu dikjarazzjoni illi "l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lill-konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel ma jikkomprendix il-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, kif fizikament diviz minn Alfred Cassano u 2. konsegwentement tiddikjara u tikkonferma li l-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva, skond il-precitat testament, lill-atturi u l-konvenuti kollha fis-sehem ta` kwart (1/4) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz, (peress li n-nofs indiviz l-iehor ghadu jappartjeni lil Violet Cassano bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Alfred Cassano) kull wiehed u wahda mill-kontendenti."*

*2. ILLI ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta` l-esponenti hija illi t-testment irid jinqara "quid unum" : dan ifisser, konsegwentement, illi ma hemmx accettazzjoni tat-testment inkondizzjonata u ta` l-eredita` ta` Alfred Cassano. B`hekk l-atturi ma jistghux min-naha ma joqghodux jew jaghtu interpretazzjoni li jidhrilhom huma lit-testment ta` missierhom, u fl-istess waqt jaghzlu dawk id-disposizzjonijiet li huma konvenjenti ghalihom. Bhala principju, jekk l-atturi ghazlu li jikkontestaw interpretazzjoni ta` testament, ma jistghux imbaghad jaghzlu huma x`jorbot mill-partijiet.*

*3. ILLI jsegwi ghalhekk illi l-azzjoni hija intempestivita` f`dan l-istadju tat-talba, fil-mument li ma*

*hemmx accettazzjoni tat-testment, izda proceduri litigjuzi fuqu ; l-atturi ghandhom jaghmlu ghazla : il-konvenut kien u ghadu dispost illi jhallas l-ammont minnhom mitlub jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru.*

*4. ILLI ghalkemm testament mhux kuntratt, dan ma jfissirx illi parti tista` taghzel partijiet minnu li tonora u partijiet ohra, le – jekk parti taghzel li timpunja, allura la darba gew kreati bit-testment ghal min jaccettah, drittijiet, dmirijiet u obbligi, isegwi illi l-ammont mhux dovut f`dan l-istadju. Ghalhekk f`dan l-istadju, jorbot il-principju "inademplendum non est ademplendi" – fis-sens illi jekk l-atturi jridu joqghodu ghat-testment, iridu jaghmlu l-parti taghhom. Jekk iridu jirrinunzjaw ghall-eredita`, ghandhom toroq ohra.*

*L-esponenti ghalhekk qieghed jirriserva li jsejjah formalment lill-atturi biex jindikaw ix-xelti taghhom formalment.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Gunju 2011 fejn qabel il-kawza thalliet ghall-gbir tal-provi fil-mertu, id-difensur tal-atturi ddikjara li l-atturi accettaw bla kondizzjoni l-kontenut kollu tal-ahhar testment ta' Alfred Cassano, inkluz l-obbligu li jimmettu fil-pussess tal-legat tad-dar 81/82, St. Julian's Road, Birkirkara, lill-konvenut, u l-kawza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tirrigwarda biss l-interpretazzjoni ossija kjarifika tal-estensjoni tal-legat.
Min-naha tieghu, id-difensur tal-konvenut irrileva illi l-kwistjoni tal-estensjoni tal-legat hija marbuta ma' l-accettazzjoni ta' testment u l-legat u l-hlas pretiz huma zewg aspetti tal-istess disposizzjonijiet testamentarji ;

ghalhekk ma jistghux jinfirdu. Il-punti ghalhekk ghandhom jigu decizi jekk mhux flimkien b`mod konsistenti.

Rat li l-provi tal-partijiet tressqu kollha fl-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2011. Il-provi kienu jikkonsistu fid-deposizzjonijiet tal-partijiet u fil-presentata ta` dokumenti min-naha tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` li l-konvenut jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet sal-11 ta` Novembru 2011 u bil-fakolta` li l-atturi jipprezentaw nota responsive sal-11 ta` Dicembru 2011.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet li kienu prezentati fit-termini ndikati fid-digriet tal-11 ta` Ottubru 2011.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li ma hemm prattikament l-ebda kontestazzjoni bejn it-tliet ahwa kontendenti f`din il-kawza dwar il-mertu ta` **din** il-kawza.

Fil-kawza **l-ohra**, li hija pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, hemm certament kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar fiex jikkonsisti l-immobbli li thalla lill-konvenut u li ghax hemm dak il-legat l-atturi mbaghad ipprezentaw il-kawza ta` quddiem **din** il-Qorti kif

presjeduta sabiex jithallsu l-korrispettiv fi flus li l-legat stess jispecifika.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li kull prova li tressqet fil-kawza tal-lum dwar l-immobbli mertu tal-legat mhix rilevanti ghall-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha. Ghalhekk sejra tiskarta provi ta` dik ix-xorta.

**Il-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha hija ta` xejra legali aktar milli ta` fatt**. Ghaliex hemm qbil dwar il-fatti saljenti attinenti ghal **din** il-kwistjoni, ghad li ma hemmx qbil fuq il-kwistjoni li hemm pendenti quddiem il-Qorti **l-ohra.**

Mhux kontestat li s-successjoni ta` Alfred Cassano (missier il-partijiet) li miet fit-12 ta` Settembru 2004 hija regolata bit-testment tieghu tas-26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (fol 13 u 14).

Skond dan it-testment, l-eredi ta` Alfred Cassano huma l-erba` uliedu : tnejn minn dawn l-ulied huma l-atturi waqt li l-konvenut huwa wild iehor. Ir-raba` wild u cioe` Martin Cassano mhuwiex parti fil-kawza tal-lum.

Fit-testment thalliet din id-disposizzjoni li *in parte* hija mertu ta` din il-kawza u *in parte* hija mertu tal-kawza l-ohra. Il-prelegat jaqra hekk –

***It-testatur ihalli b`titolu ta` prelegat in piena u assoluta propjeta` lil ibnu Alessandro Cassano bis-sostituzzjoni volgari ta` uliedu kwalunkwe sehem li huwa (cioe` t-testatur) ikun jippossjedi f`jum mewtu, anke jekk dana jkun l-intier, mid-dar Birkirkara, Saint Julians Street, numri wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82) bl-obbligu pero` fl-imsemmi prelegatarju li fi zmien hames snin mill-mewt ta` l-istess testatur ihallas lil kull wiehed u wahda mit-tlet***

***hutu s-somma ta` sbatax-il elf lira (Lm 17,000) ghal darba wahda ; liema somma ta` sbatax-il elf lira (Lm 17,000) l-istess testatur qieghed ihalli b`titolu ta` prelegat in piena propjeta` lil kull wiehed u wahda mit-tlett (3) uliedu l-ohra li jisimhom Bernadette mart Vincent Gatt, Christine mart Albert Scerri u Martin ahwa Cassano bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom.*** (sottolinear tal-qorti)

Billi l-atturi talbu lill-Qorti l-ohra tghid fiex jikkonsisti l-prelegat tal-immobbli mertu tal-prelegat, il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas lill-atturi l-flus li thallew lilhom bhala prelegat fl-istess disposizzjoni testamentarja, ghalkemm mhux kontestat li ghaddew aktar minn hames snin mill-mewt ta` Alfred Cassano.

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

Il-konvenut mhuwiex jiddisputa li d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni tghid li wara li jghaddu hames snin mill-mewt ta` missieru, huwa jrid ihallas lil kull wahda mill-atturi ghal darba wahda biss is-somma ta` Lm 17,000 pero` qieghed jirrifjuta li jeffettwa dak il-hlas dment illi fil-kawza l-ohra l-istess atturi jibqghu jippretendu li l-qorti ghandha tghid li l-prelegat in kwistjoni ma jikkomprendix il-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, ghax, kontra ta` dak li jghid il-konvenut, l-atturi jghidu li huwa diviz fizikament mill-fond mertu tal-prelegat, u dment ghalhekk li l-atturi jibqghu jippretendu li l-qorti l-ohra allura ghandha tghid illi l-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva favur l-ahwa skond id-disposizzjonijiet l-ohra tat-testment u mhux favur il-konvenut wahdu. Ghalhekk, jikkontendi l-konvenut, li sakemm tkun deciza l-kawza l-ohra, ma ghandux isir hlas lill-atturi. Min-naha taghhom, l-atturi jsostnu li d-dritt taghhom ghall-hlas ta` Lm17,000 kull wahda minnhom huwa mpregudikat u ma jistax jigi

effettwat mill-istanza taghhom fil-kawza l-ohra, ghaliex b`dik il-kawza, huma mhux qeghdin jikkontestaw l-ghoti tal-prelegat, izda qeghdin jitolbu decizjoni mill-Qorti dwar il-konsistenza tal-istess prelegat.

Evidentement il-kwistjoni hija ta` natura legali.

Ghal din il-Qorti ma jirrizultax li t-testment ta` Alfred Cassano qieghed jigi kontestat mill-kontendenti. Jirrizulta li tliet ahwa kontendenti accettaw il-wirt kif inhu u minghajr riservi. Il-kontenzjoni tal-konvenut hija li l-accettazzjoni tal-wirt da parti tal-atturi ma tistax tkun kondizzjonata. Din il-Qorti qieset din il-linja difensjonali pero` ma tistax taqbel ma` dak li qieghed jippretendi l-konvenut. Dak li qed jigi dibattut fil-kawza l-ohra mhuwiex il-prelegat tad-dar. L-atturi mhux qed jikkontendu li l-konvenut m`ghandux dritt jiehu d-dar. Li qed ighidu l-atturi huwa li l-prelegat ma jinkludix il-fond “Romeo”, Misrah it-Tigieg, Birkirkara, ghaliex mhux parti mid-dar imhollija bi prelegat lill-konvenut. Ladarba l-partijiet ma waslux ghal qbil trid tkun il-qorti li taghti decizjoni. Fl-istess waqt ladarba il-prelegat tad-dar mhuwiex in kontestazzjoni, il-konvenut ma jistax jikkondizzjona l-hlas tal-flus lil hutu l-atturi fuq il-pretest li huwa ghad ma giex immess fil-pussess ta` dak li fil-fehma tieghu kiseb bil-prelegat. Fir-realta` ghalhekk huwa l-konvenut li qieghed idahhal il-kondizzjonijiet mhux hutu l-atturi.

Fil-kawza tal-lum, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li taghti interpretazzjoni tal-konsistenza tal-prelegat tad-dar. Dak irid isir mill-qorti l-ohra li fost il-kompiti taghha hemm dak li tghid jekk il-prelegat tal-immobbli huwiex car bizzejjed inkella le, u fil-kaz illi tghid li mhuwiex hekk car, tkun trid taghmel l-apprezzament taghha inkluz stharrig tal-volonta` tat-testatur.

Dan premess, din il-Qorti tafferma illi meta t-testatur ihalli legat, u lill-legatarju jordnalu li jaghti xi haga lil terza

persuna jew jaghmel xi haga ghal dik it-terza persuna, ikun hemm legat oneruz u t-terz bhala sublegatarju ghandu d-drittijiet kollha li l-ligi tannetti lill-legati. Din il-Qorti ticcita dak li nghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Marzu 1963 fil-kawza "**Debono et vs Falzon et**" dwar l-hekk maghruf bhala "*legato con onere*" –

*li jirrikorri meta, fil-kliem tal-Laurent, Vol XII, pag.468, "il testatore prescrive al legatario di dare qualche cosa ad un terzo, o di dare qualche cosa per un terzo". U dan l-awtur jiccita lil Ricord li appuntu jsejjah disposizzjonijiet simili "onerose". Ikompli jghid il-Laurent – pag.469 – "**L`onere e` una liberalita` che il testatore fa al terzo ; questi e` un legatario ed ha tutti I diritti che la legge annette a legati**".* (enfasi ta` din il-Qorti).

Ghalkemm il-kontendenti huma t-tlieta eredi ta` Alfred Cassano, huwa evidenti li d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni tinkorpora zewg prelegati. Mhux kontestat li l-konvenut accetta l-prelegat tad-dar. Daqstant iehor mhux kontestat li l-atturi accettaw id-disposizzjoni de qua kif del resto ghamlu tal-wirt kollu kemm hu. Fil-kawza l-ohra l-atturi mhumiex infatti qeghdin jittentaw illi jimpunjaw id-disposizzjoni de qua. Ma jistax ghalhekk il-konvenut jippretendi li ma jhallasx il-prelegat l-iehor tal-flus, li ghalkemm relatat huwa distint mill-prelegat tad-dar, prelegat tal-flus fejn l-atturi huma terzi ghall-konvenut fir-reklam taghhom li jircievu l-hlas dovut minghand il-konvenut kif tghid id-disposizzjoni testamentarja.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici Bernadette Gatt is-somma ta` disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) kif fuq premess, bl-imghax legali b`effett mit-13 ta` Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici Christine Scerri s-somma ta` disgha u tletin elf hames mija u disgha u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€39,599.35) kif fuq premess, bl-imghax legali b`effett mit-13 ta` Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju tal-11 ta` April 2011 u l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-13 ta` Settembru 2010.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------